

**Dispożittiv**

- 1) *Id-deċiżjoni tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) tat-30 ta' Ġunju 2016 li tiċħad it-talba ta' Chantal Hebberecht sabiex jestendi b'sena l-assenjazzjoni tagħha bħala kap tad-delegazzjoni tal-Unjoni Ewropea fl-Etjopja hija annullata.*
- 2) *Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.*
- 3) *Is-SEAE huwa kkundannat għall-ispejjeż.*

<sup>(1)</sup> ĠU C 249, 31.7.2017.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-29 ta' Novembru 2019 – Louis Vuitton Malletier vs EUIPO – Bee-Fee Group (LV POWER ENERGY DRINK)**

(Kawża T-372/17) <sup>(1)</sup>

*(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità — Trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea LV POWER ENERGY DRINK — Trade mark figurattiva preċedenti tal-Unjoni Ewropea LV — Raġuni relattiva għal rifjut — Artikolu 8(5) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 8(5) tar-Regolament (UE) 2017/1001) — Artikolu 53(1)(a) tar-Regolament Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 60(1)(a) tar-Regolament 2017/1001) — Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 94 tar-Regolament 2017/1001) — Deċiżjonijiet preċedenti tal-EUIPO li jirrikonoxxu r-reputazzjoni tat-trade mark preċedenti”)*

(2019/C 44/41)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Louis Vuitton Malletier (Pariġi, Franza) (rappreżentanti: P. Roncaglia, G. Lazzeretti, F. Rossi u N. Parrotta, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: D. Gája, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Bee-Fee Group Ltd (Nikosija, Ċipru) (rappreżentant: L. Karpierz, avukat)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tad-29 ta' Marzu 2017 (Każ R 906/2016-4), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn Louis Vuitton Malletier u Bee-Fee Group.

**Dispożittiv**

- 1) *Id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tad-29 ta' Marzu 2017 (Każ R 906/2016-4) hija annullata.*
- 2) *L-EUIPO għandu jbati l-ispejjeż tiegħu kif ukoll nofs dawk sostnuti minn Louis Vuitton Malletier.*

3) *Bee-Fee Group Ltd* għandha tbat i-ispejjeż tagħha kif ukoll nofs dawk sostnuti minn *Louis Vuitton Malletier*.

(<sup>1</sup>) ĠU C 256, 7.8.2017.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-29 ta' Novembru 2018 – Louis Vuitton Malletier vs EUIPO – Fulia Trading (LV BET ZAKŁADY BUKMACHERSKIE)**

(Kawża T-373/17) (<sup>1</sup>)

*(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea LV BET ZAKŁADY BUKMACHERSKIE — Trade mark figurattiva preċedenti tal-Unjoni Ewropea LV — Raġuni relattiva għal rifjut — Artikolu 8(5) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 8(5) tar-Regolament (UE) 2017/1001) — Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 94 tar-Regolament 2017/1001) — Deċiżjonijiet preċedenti tal-EUIPO li jirrikonoxxu r-reputazzjoni tat-trade mark preċedenti”)*

(2019/C 44/42)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: *Louis Vuitton Malletier* (Pariġi, Franza) (rappreżentanti: P. Roncaglia, G. Lazzeretti, F. Rossi u N. Parrotta, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: D. Gája, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: *Fulia Trading Ltd* (Londra, ir-Renju Unit) (rappreżentant: L. Karpierz, avukat)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tad-29 ta' Marzu 2017 (Każ R 1567/2016-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn *Louis Vuitton Malletier* u *Fulia Trading*.

**Dispożittiv**

- 1) *Id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tad-29 ta' Marzu 2017 (Każ R 1567/2016-4) hija annullata.*
- 2) L-EUIPO għandu jbat i-ispejjeż tiegħu kif ukoll nofs dawk sostnuti minn *Louis Vuitton Malletier*.
- 3) *Fulia Trading Ltd* għandha tbat i-ispejjeż tagħha kif ukoll nofs dawk sostnuti minn *Louis Vuitton Malletier*.

(<sup>1</sup>) ĠU C 256, 7.8.2017.